**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 606/2016/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Norbert Grixti**

Illum 13 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Norbert Grixti**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 660461(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fil-21 ta' April 2009, matul il-ġurnata f'Excelsior Grand Hotel Malta, il-Furjana, fil-kapaċita' tiegħu bħala General Manager ta' l-istess lukanda:

1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti weġġħet gravi Victoria Cassar hekk kif iċċertifikat Dr. Elaine Pace Spadaro u dan *ai termini* ta'

Artikoli 225, 226(1)(a) u 218 (1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess żmien u/jew fix-xhur ta' qabel, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan *ai termini* ta' Artikoli 6(1)(2) tal-Att 27/2000 (Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem, u ta' kull persuna li taħdem għal rasha, naqas il jagħmel, jew li jiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurta' kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji tas-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu jew mit-tmexxija tal-impriża u dan *ai termini* ta' Artikolu 10(1) tal-Avviż Legali 36/03;

4. fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem, u ta' persuna li taħdem, naqas milli jiżgura s-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol, jagħmel arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, moniteraġġ u rivista tal-miżuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidraw in-natura u d-daqs tal-impriża u jieħu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u għal dan il-għan jipprevjeni riskji fuq il-post tax-xogħol u jipprovdi informazzjoni u taħriġ kif meħtieġ u dan *ai termini* ta' Artikoli 4(1)(2)(3) tal-Avviż Legali 36/03;

5. fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem naqas milli jiżgura li jieħu miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-apparat tax-xogħol għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema fl-intrapriża u/jew fl-istabbiliment innifsu jkunu adatti għax-xogħol li jkun se jitwettaq jew adatti kif imiss għall-iskop u jkunu se jintużaw mill-ħaddiema mingħajr periklu għas-sigurta' u s-saħħa tagħhom. Naqas ukoll bħala persuna li tħaddem, illi fl-għażla ta' apparat li jintuża jagħti każ tal-kondizzjonijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tax-xogħol kif ukoll tal-perikolu li jeżistu fl-intrapriża u/jew fl-istabbiliment, b'mod speċjali fil-post tax-xogħol, għas-sigurta' u s-saħħa tal-ħaddiema u/jew kull periklu addizzjonali li jirriżulta mill-użu tal-apparat in kwistjoni u dan *ai termini* ta' Artikoli 3(1) tal-Avviż Legali 282/04;

6. fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem naqas milli jiżgura li jieħu l-miżuri meħtieġa biex matul il-ħajja tax-xogħol tiegħu kollha, l-apparat tax-xogħol ikun qiegħed jinżamm permezz ta' manutenzjoni adegwata u dan *ai termini* ta' Artikolu 4 tal-Avviż Legali 282/04.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Diċembru 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17(b), 17(h), 31 u 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolamenti 4 u 10 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (Avviż Legali 36/2003; L.S. 424.18), Regolament 3 tar-Regolamenti dwar l-Apparat tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi għas-Sigurta' u s-Saħħa) (Avviż Legali 282/2004, L.S. 424.30), sabet lill-imputat, fil-kapacita' tiegħu li fiha ġie ċitat, ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu u, wara li rat Artikolu 38(1)(2) u (3) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu multa ta' sitt elef Euro (€6,000). L-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-ħlas tal-esperti billi ma rriżultax li kien hemm tali ħlas involut.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2016 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-2 ta' Diċembru 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u tipprovdi minflok billi wara li ssib lill-esponent mhux ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu, konsegwentement tilliberah minnhom."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi dan huwa appell tal-appellant Norbert Grixti minn sentenza mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2016 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Dan il-każ jirrigwarda korriment fuq il-post tax-xogħol fil-21 ta' April 2009 ġewwa l-Excelsior Grand Hotel fil-Floriana fejn il-parti leża Victoria Cassar soffriet diżabilità permanenti wara li nqabditilha idha ġo *steam machine*. Wara xi żmien hija tilfet numru ta' swaba' bħala riżultat tal-inċident. Jiġi nnutat li l-parti leża Cassar ġiet riżarċita mill-kumpanija rappreżentata mill-appellant iżda dan sar mingħajr preġudizzju għal fatt li l-imputazzjonijiet kollha ġew respinti mill-appellant.

Illi qabel din il-Qorti tipproċedi ulterjorment u qabel tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti tosserva li l-kwistjoni tal-kwalita' li fiha kien imħarrek l-appellant allura imputat quddiem l-Ewwel Qorti kienet deċiża minnha fit-18 ta' Novembru 2014 permezz ta' sentenza preliminari (*a fol.* 261 *et seq.*).

Illi l-aggravji tal-appellant huma li l-Ewwel Qorti ma messha qatt sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dan għaliex hu ma kienx jaħti kriminalment tenut kont li mill-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti ma rriżulta ebda nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni, nuqqas ta' ħila fl-arti u fil-professjoni tiegħu jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti. Jisħaq li l-Prosekuzzjoni saħansitra ddeskrivietu bħala *"pijunier fil-Health and Safety fuq il-post tax-xogħol u dan għall-isforzi tiegħu fis-settur"*. Jgħid li minkejja li l-inċident seħħ fil-21 ta' April 2009 pero' l-ewwel smigħ il-Qorti kien fit-12 ta' April 2012 liema dewmien, skont hu, juri li l-Prosekuzzjoni kienet eżitanti ferm milli tipproċedi kontra tiegħu. Jgħid li barra dan l-Ewwel Qorti naqset meta ma żammet l-ebda aċċess fuq il-post tax-xogħol u li r-ritratti u l-*brochures* li l-Ewwel Qorti straħet fuqhom ma kienux jikkostitwixxu l-aħjar prova.

Illi l-appellant imbagħad jgħaddi sabiex jagħmel riferenza għall-imputazzjoni taħt Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jgħid li mill-assiem tal-provi prodotti kellu jirriżulta b'mod ċar lill-Ewwel Qorti li: (a) ma kien hemm l-ebda forma ta' nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni, nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti da parti tiegħu illi wassal sabiex tiġi kaġunata l-offiża gravi fuq Victoria Cassar u (b) Cassar sofriet din l-offiża gravi minħabba t-traskuraġni tagħha stess. Jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tapplika korrettement l-insenjamenti li kkwotat għall-fatti u li l-imsemmija Qorti fasslet is-sentenza minn angolu preġudikat kontrih u jagħti eżempji ta' dan u jgħid għala skont hu kienet żbaljata fl-analiżi legali u f'partijiet mis-sentenza tagħha.

Illi fir-rigward tal-imputazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta u Avviż Legali 36 tal-2003 u

Avviż Legali 282 tal-2004 l-appellant jgħid li huwa adempixxa ma' l-obbligi in kwistjoni bħala persuna li tħaddem. Jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza illi l-obbligu ta' min iħaddem sabiex dejjem jassigura s-saħħa u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qed isir għal dak il-persuna li tħaddem ma tista' qatt issarraf f'garanzija assoluta illi ebda inċident m'hu qatt ser javvera ruħu u illi ebda ħaddiem m'hu ser qatt ikorri. Jisħaq li kien jieħu ħsieb *risk assessment* ta' kull azzjoni b'evalwazzjoni xierqa u sistematika tal-perikli għas-saħħa u li huwa kien saħansitra impjega lil Paul Bonanno bħala *Health and Safety Officer* kwalifikat. Dwar l-apparat ċioè il-magna tal-inċident, jgħid li din kienet inxtrat qabel ma hu kien impjegat mal-prinċipal tiegħu l-Grand Hotel Excelsior Limited u jgħid li kienet ċċertifikata li kellha r-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Unjoni Ewropea waqt li manutenzjoni kienet issir regolarment. Jgħid li Victoria Cassar kienet għamlet użu ħażin tal-magna li kien imur kontra kull istruzzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi n-natura tal-aggravji mressqa mill-appellant huwa dwar apprezzament tal-fatti li sar mill-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-

> Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi għalhekk li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

L-Ewwel (1) Imputazzjoni:

Illi b'riferenza għall-ewwel (1) imputazzjoni din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-3 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Gatt** (Numru 209/2019), liema sentenza għamlet riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Richard Grech** (per Imħallef V. De Gaetano) li ġiet mogħtija fil-21 ta' Marzu 1996 fejn ingħad hekk:

> "jekk il-prudenza tikkonsisti f'illi persuna tagħmel dak li hu raġonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtù, tikkonsisti f'illi wieħed jagħmel avventatament dawk l-affarijiet li messu ppreveda li setgħu jikkaġunaw ħsara. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra, timplika ċerta non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiż-żewġ każijiet, però, il-ħsara tkun prevedibbli għalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wieħed ikun

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

> qiegħed fil-kamp doluż b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pożittiva indiretta."

Illi sentenza oħra li kkunsidrat l-elementi ta' Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (liema artikolu għandu x'jaqsam ma' Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) hija dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli** (per Imħallef Dr. J. Flores) li ġiet mogħtija fl-4 ta' Frar 1961 fejn ingħad hekk:

> "Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodiċi Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negliġenti – konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb ("imprudenza"), traskuraġni ("negliġenza"), jew nuqqas ta' ħila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti speċifikatament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – <u>li tkun segwita, b'ness ta' kawżalita', minn event dannuż involontarju</u>**.**
>
> Għandu jiġi premess illi, għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f'kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus paterfamilias": dik il-kondotta, ċioè, illi fil-każ konkret kienet tiġi wżata minn persuna ta' intelliġenza, diliġenza u sensibilita' normali; kriterju dan li, filwaqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallih fl-istess ħin liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret. *"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione"* (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II 27. P.46)." [emfażi miżjuda]

Illi minn naħa l-oħra fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Frar 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Cortis** (Numru 317/2017), din il-Qorti diversament preseduta għamlet riferenza għal sentenza oħra u qalet hekk:

> "Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Mustafa Gohar** il-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat illum Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar l-20 ta' Novembru 2004 kienet stqarret is-segwenti:-
>
>> "[...]
>>
>> Meta si tratta ta' *colpa* huwa mportanti li jiġu ppruvat in-*nexus* li għandu jeżisti bejn l-att u r-risultat sabiex l-att jista' jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirriżulta *chain of causation* bejn l-att li ħoloq id-danni u d-danni riżultanti li jista' jirriżulta *culpa*. Kif ġie deċiż nhar is-sbatax ta' Mejju, 1948 fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Salvatore Camilleri** per Imħallef Harding li: *"Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist."* Fil-fatt ikompli jgħid: *"The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations.""* [emfażi miżjuda]

Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Saverina sive Rini Borg et** sar eżami approfondit tad-dottrina u ġurisprudenza fuq dan is-suġġett u ntqal hekk:

> "Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuż, hemm neċessarjament l-element ta' attivita' dirett għal xi fini partikolari li minħabba nuqqas ta' ċertu prekawzjonijiet jistgħu jiġu leżi jew danneġġjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi. [...]

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' liġijiet, regolament, ordnijiet u simili:

L-imprudenza tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma jieħu l-opportuni kawteli.

In-negliġenza tiġi mid-diżattenzjoni u diskortezza ta' l-aġent fil-kondotta tiegħu.

L-imperizja hija l-forma speċifika tal-kulpa professjonali, ċioè, kif jgħid il-Manzini: *"inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto."*

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll għan-non-osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bħalma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u specifika bl-iskop li jiġi evitat il-possibilita' ta' ħsara u dannu lil terzi, ċioè, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni [...].

Taħt dawn il-forom ta' kondotta kolpuża sia minħabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minħabba nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'. Il-prevedibilita' tibqa' essenzjali taħt kull forma ta' kulpa, iżda fi gradi differenti. Hi tibqa' dejjem il-nota saljenti f'kull forma kondotta kolpuża, iżda għandha gradi differenti f'kull każ ta' imprudenza, negliġenza u imperizja, mentre hija preżunta fil-forma l-oħra fejn si tratta ta' reati minħabba non-osservanza ta' liġijiet. regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-każijiet mhux possibbli jew ammess lill-aġent li jressaq prova għal kuntrarju. Hija hawnhekk preżunzjoni assoluta. Ma jistgħax l-aġent jgħid li dak l-event dannuż li ġara minħabba in-nuqqas ta' osservanza da parti tiegħu ta' xi regolament ma kienx wieħed prevedibbli għalih. Kif

> jgħidu diversi awturi, dan hu każ fejn dan l-element tal-prevedibilita' tal-leġislatur qed jissosstitwixxi dik ta' l-aġent. Hu preċiżament għalhekk li kondotta kolpuża hija definita bħala kondotta volontarja li tikkaġuna event dannuż, mhux volut, iżda prevedibbli, li seta' jiġi evitat bl-użu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali."

Kif jispjega l-ġurista Taljan **Francesco Antolisei** (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323): biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta għal xi fini partikolari tista' tagħti lok għall-konsegwenzi dannużi lil terzi. Il-komuni jew l-esperjenza teknika, ċioè l-esperjenza komuni għall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari, tgħallem li f'dawn il-każijiet wieħed għandu juża ċerti prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi tal-oħrajn jiġu preġudikati.

Fil-fatt jgħid hekk:

> "Sorgono per tal modo, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco é tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto é possibile, conseguenze nocive per i terzi.... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, é la conseguenza caratteristica del reato colposo, perché nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito,

mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi."

L-imputazzjonijiet l-oħra:
Illi apparti l-ewwel (1) imputazzjoni, l-appellant ġie wkoll akkużat bis-segwenti imputazzjonijiet:

- it-tieni (2) imputazzjoni tirrigwarda ksur ta' Artikolu 6(1) u 6(2) tal-Att dwar l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta);

- it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni huma dwar ksur ta' Artikoli 10 u 4 rispettivament tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (Avviż Legali 36 tal-2003) fejn filwaqt li Artikolu 10 jirrigwarda l-evalwazzjoni tar-riskju, Artikolu 4 jirrigwarda d-dmirijiet ġenerali ta' min iħaddem;

- fil-ħames (5) imputazzjoni l-appellant ġie akkużat bi ksur ta' Regolament 3 tal-Avviż Legali 282 tal-2004 (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.30 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Avviż Legali ġie revokat b'Avviż Legali 293 tal-2016 li daħal fis-seħħ fis-6 ta' Settembru 2016;

- is-sitt (6) imputazzjoni tirrigwarda tal-istess Avviż Legali msemmi fil-paragrafu ta' qabel, liema Avviż Legali kif diġà ngħad ġie revokat fis-6 ta' Settembru 2016 kif appena msemmi u ċioè ftit ġimgħat qabel ma ngħatat is-sentenza appellata.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-parti leża Victoria Cassar kienet ħaddiema fl-Excelsior Grand Hotel u kienet taħdem fuq magna biex tgħaddi l-lożor. Jirriżulta li hija kienet bniedma tal-esperjenza għaliex kienet diġa' ħadmet fuq l-istess xogħol qabel ma bdiet il-ħidma tagħha fil-lukanda msemmija. Hija ġiet saħansitra deskritta bħala waħda li tgħin biex ix-xogħol jimxi. Għandu jingħad li ma hemm ebda dubju dwar il-ġrieħi li sofriet u li dawn saru fuq il-post tax-xogħol waqt li hija kienet qed taħdem.

Illi l-Qorti trid tikkunsidra jekk l-Ewwel Qorti kinitx korretta meta sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet addebitati lilu. Aktar 'il fuq saret riferenza għall-ġurisprudenza u d-duttrina dwar Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jinċiedi fuq Artikolu 226 tal-istess Kapitolu msemmi.

Illi mill-evidenza mtella' mid-difiża jirriżulta li kien jingħata taħriġ lill-ħaddiema wara li kellhom l-espert tad-ditta Ċiniża li kien ġie Malta jispjega kif taħdem il-magna. Xhud tad-difiża stqarr li anke ra lil William Spiteri (li kien fost dawk li jagħtu t-taħriġ) mal-parti leża Cassar waqt li l-ħaddiema dejjem kienu jingħataw l-istruzzjoni biex jekk ikun hemm problema b'xi magna jduru fuq il-persuni responsabbli mill-*maintenance*. Jirriżulta wkoll li ftit qabel l-inċident il-ħaddiema kienu lmentaw dwar is-sħana u kienu ttieħdu passi mill-ewwel biex huma jkunu protetti mis-sħana li kien hemm.

Illi għandu jingħad li l-magna in kwistjoni kellha wkoll iċ-ċertifikat tal-EU. Apparti dan, jirriżulta li wara l-inċident kienu ttieħdu aktar miżuri ta' sigurta' – speċjalment dwar żieda fin-numru ta' *switches* li kienu jagħmluha aktar faċli għal kull ħaddiem li jitfi l-magna.

Illi skont dak li qalet il-parti leża Cassar lill-iSpettur hija ma kellhiex taħriġ fuq il-magna. Imma fil-fehma ta' din il-Qorti d-difiża rnexxielha tipprova almenu fuq bażi ta' probabilita' li xi taħriġ kellha. L-ewwelnett il-lukanda kienet qed tuża sistema ta' *job coaches* li setgħu jleħħqu ma' kulħadd. It-tieni kien hemm l-avviż ġenerali li jekk ikun hemm diffikulta' jiġu nfurmati tal-

*maintenance* għaliex dawn ikunu jistgħu jsolvu problema aħjar. It-tielet, skont ix-xiehda tal-appellant innifsu, Victoria Cassar kienet taf kif tipprogramma l-magna u kif tistartjaha.

Illi, minn dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti tista' serenament tikkonkludi li xi forma ta' struzzjoni fuq il-magna kien hemm. Kieku l-parti leża Cassar ma kellhiex taħriġ, kieku ma kinitx tipprogramma u tistartja l-magna! Ukoll jekk ħaddiem ma jkunx ingħata l-*manual* tal-magna, dan in-nuqqas mhux bilfors ikun kaġun tal-inċident. In fatti, per eżempju, jekk sewwieq ta' vettura jkollu dak it-tagħrif bażiku biex isuq il-vettura huwa mhux bilfors ikun jifhem kif taħdem il-vettura.

Illi fuq kollox, il-Qorti qed tqis dak li xehdet Jacqueline Micallef li filwaqt li fil-kontro-eżami tagħha qalet li kienu jingħataw taħriġ fuq il-magna in kwistjoni (*a fol.* 175), xehdet li kienet fuq in-naħa l-oħra ta' Victoria Cassar meta nnutat li ċinga minnhom inqatgħet. Dak il-ħin kien leħaq daħal il-liżar u tgħid: *"Jiena waqaft. Dort lejn Victoria u għidtilha "Vic, attenta għal idejk." Għidtilha darbtejn. "Vic, attenta għal idejk.""* (*a fol.* 171). L-istess xhud kompliet tgħid hekk (*a fol.* 172):

> "Wissejtha għax in-naħa tagħha kienet. Wissejtha. Biss pero' jien waqaft. Hi ppersistiet ħalli nlestu għax hi kienet minn dawn li trid tgħaġġel u kien għad fadlilha ftit lożor. [...] Biss pero' ħa ngħid xi ħaġa għax suppost għidtha fil-bidu, qabel ma bdejt naħdem kelli *induction*, kelli t-*training*. Waqt it-*training* qalulna fuq *Health and Safety*. Meta jkun hemm xi *fault* incemplu l-*maintenance*. Barra minn hekk, dan ir-roller, għax jien kont ittrenjatha peress li kien għadni bidu, kien hemm kollega ieħor li qagħad jispjegali. Meta ndaħħal il-liżar kien hemm *guide to protect your hands* u kien qalli x'ħin iddaħħal il-liżar, nassumu li tmiss naqra t-tarf ta' subgħajk, idek toħroġ 'il barra. Voldieri dak kien il-*guide*."

Illi l-Qorti kkunsidrat ukoll dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija mill-appellant meta rrapporta dak li qaltlu Victoria

Cassar meta kien imur iżurha regolarment. Jgħid: *"Minn għandha naf l-istorja. I mean. I can't get it from a better source. Din rat iċ-ċinga u ppruvat taqla' ċ-ċinga mingħajr ma sswiċċjat off il-magna"* (*a fol.* 290). Għandu jingħad li din hija evidenza diretta ta' dak li qalet il-parti leża Cassar lill-appellant.

Illi din il-Qorti eżaminat id-diċitura li juża Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (li għalih jirreferi Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta). Meħud in konsiderazzjoni ta' dak li ngħad hawn fuq, b'mod partikolari tal-ġurisprudenza u d-dottrina aktar 'il fuq ċċitata u ta' dak li jirriżulta mill-fatti kif miġbura quddiem l-Ewwel Qorti minn imkien ma jirriżulta li l-appellant wera nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu. Mill-evidenza jirriżulta wkoll li n-nies li setgħu jgħinu kienu fuq il-post mal-ewwel. B'hekk l-ewwel tliet nuqqasijiet imsemmija f'Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè *"b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu"* ma jirriżultawx.

Illi dwar l-aħħar element tal-Artikolu 225 imsemmi ċioè *"b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti"* u fid-dawl tal-imputazzjonijiet l-oħra addebitati fil-konfront tal-appellant, din il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Fir-rigward ta' Artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta (it-tieni (2) imputazzjoni): il-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova li l-appellant ma kienx qed jagħmel l-evalwazzjonijiet li kellu jagħmel skont il-liġi tant li meta l-ħaddiema garrew minħabba s-sħana huwa ħa passi mal-ewwel sabiex l-inkonvenjent jitnaqqas u meta kellhom jitbiddlu l-*policies* inbidlu wkoll.

- Fir-rigward ta' Regolamenti 4 u 10 tal-Avviż Legali 36 tal-2003: il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li l-appellant ma għamilx l-evalwazzjonijiet xierqa tar-riskji li x-xogħol

kien jinvolvi jew li b'xi mod jew ieħor huwa naqas milli jħares is-sigurta' fuq ix-xogħol.

- Dwar l-aħħar żewġ imputazzjonijiet diġà ngħad aktar 'il fuq li l-Avviż Legali 282 tal-2004 (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.30 tal-Liġijiet ta' Malta) ġie revokat b'Avviż Legali 293 tal-2016.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, isegwi li l-Prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova ebda ksur tar-regolamenti taħt it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni waqt li r-regolamenti taħt il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni kienu abrogati qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. B'hekk l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rigward tal-imputazzjonijiet imsemmija qed jiġu milqugha b'dan illi l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta sabet lill-appellant ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet imsemmija minn liema imputazzjonijiet din il-Qorti qed tillibera lill-appellant.

Illi jerġa' jiġi ribadit li anke kieku kien hemm ksur tar-regolamenti, irid ikun hemm ness bejn il-ksur tagħhom u l-akkadut u dan skont il-ġurisprudenza ċċitata aktar 'il fuq b'dan illi f'dan il-każ ebda ksur tar-regolamenti ma kien ippruvat.

Illi din il-Qorti tikkunsidra li l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni kien wieħed sfortunat ħafna għal persuna *ossia* l-parti leża Victoria Cassar li kienet tħabrek. Jiġi nnutat li dawn huma proċeduri kriminali u l-fatt li l-akkadut ġara fuq il-post tax-xogħol ma jfissirx li min kien qed iħaddem kien responsabbli ta' reat kriminali. Għaldaqstant l-aggravji tal-appellant qed ikunu milqugħa wkoll fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u b'hekk din il-Qorti mhijiex issib lill-appellant ħati lanqas tal-ewwel (1) imputazzjoni u għaldaqstant tilliberah minnha wkoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Norbert Grixti, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati

tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**